# Ġawhra fil-gżejjer – is-Siġġiewi

minn Sq. Clifford Galea
OSJ, B.A. (Hons.) History PGCE, Dip.LCM

Onorat mhux bil-ftit li qed nikteb għall-ewwel darba f'dan il-ktejjeb tal-festa ad unur il-patrun San Nikola. Kburi bil-wisq iktar li jien Malti u li nista' ngawdi dan ir-raħal pittoresk u mill-isbaħ fil-gżejjer Maltin. Intom ċittadini tas-Siġġiewi m'għandiex dubju li konxji mix-xorti sabiħa li għandkom li tgħixu f'dawn l-inħawi rikki f'dak li huwa ambjent u mhux inqas l-istorja. Is-Siġġiewi minn dejjem affaxxinani fl-għamla tiegħu. Il-madwar huma meraviljużi. Nistħajlu maqtugħ għalilh u kburi bi ġmielu.

Waħda mill-kappelli li tħajrek tixtarr fuqha hija dik magħrufa bħala ta' Santa Mariija ta' Ħal Xluq. Din hija fil-fatt waħda mill-aktar knejjes antiki f'Malta li tinsab f'dan ir-raħal. Milli jidher s'issa għandhom ma nstabux jew inkella ma ġewx studjati dokumenti li juru la meta nbniet u lanqas kemm-il darba saru tiswijiet kbar fil-bini tagħha. Iżda għall-ħabta ta' sena 1583, il-knisja kienet waslet biex tiġġarraf għalkollox u kien għalhekk l-intervent u l-imħabba lejn din il-kappella minn Ġann Pawl Buttiġieg, li kien missier il-Kappillan tas-Siġġiewi li ħallas biex din terġa' tinbena mill-ġdid. Huwa magħruf ukoll li Dun Stiefnu Buttiġieġ ħallielha wkoll ir-renti biex tinżamm fi stat tajjeb.

Fl-1575, il-Parroċċa tas-Siġġiewi kellha 46 knisja (filjali) jagħmlu magħha. Minn dawn, 6 kienu f'Ħal Xluq. Din tal-Assunzjoni tal-Madonna kienet l-aqwa fosthom u kienet għalhekk il-knisja prinċipali li fiha kienu jsiru l-magħmudijiet. Nhar il-Ħadd ta' wara Santa Marija kienu jsiru festi kbar sa qabel



Il-kappella kif tidher minn ġewwa f'ritratt riċenti

it-tieni gwerra dinjija, iżda wara l-gwerra għalkemm reġgħu bdew isiru, il-festa ċkienet.

Fl-Opinjoni tiegħi, meravilja ta' faxxinu kbir ta' Ħal Xluq huwa li minn ftit passi 'l bogħod mill-knisja wieħed jista' jara bi drittu l-bieb il-kbir tal-Knisja Parrokkjali, u meta jinfetaħ għall-festa jidher San Nikola ħiereġ merfugħ, fuq iz-zuntier.

Ġwann Pawl Buttigieg, li kif għidna reġa' bena l-knisja mill-ġdid ħallas ukoll biex sar kwadru ta' Marija Santissma Mtellgħa





Iż-żewġ pitturi b'episodji mill-passjoni ta' Sidna Ġesuù Kristu. Xogħol sabiħ attribwit lill-pittur Francesco Zahra

s-Sema fuq tlett itwavel tal-għuda. Dan il-fatt huwa wkoll dokumentat. Fuq kull naħa tal-kwadru titulari, insibu xogħol ieħor sabiħ: fuq ix-xellug insibu lil Kristu miġjub quddiem Pilatu, filwaqt li fuq il-lemin naraw lil Kristu fi triqtu lejn il-Kalvarju, iġorr is-Salib.

Dawn iż-żewġ kwadri huma tal-pittur ta' kalibru għoli Francesco Zahra. Insibu wkoll kwadru tal-Madonna tar-Ružarju fis-Sagristija u żewġ statwi tal-ġebel fil-knisja, waħda ta' Santu Rokku (Protettur kontra l-marda qerrieda tal-Pesta) u l-oħra ta' Santa Rita.

Inħeġġiġkom li żżuru din il-kappella ħelwa u nħajjarkom ukoll tqajmu kuxjenza dwarha u dwar kappelli oħra simili tagħha li jinsabu fis-Siġġiewi biex dawn jibqgħu jiġu ndukrati u msemmija mal-medda taż-żmien. B'hekk biss tista' titkattar l-istorja u l-kultura tagħna; storja li fl-opinjoni tiegħi tisboq l-istorja ta' ħafna pajjiżi oħra madwar id-dinja. Dan kollu jagħmilna Maltin u poplu uniku fid-dinja. Minn qalbi, qabel nagħlaq, nirringrazzjakom tal-opportunità li tajtuni biex nikteb dan l-artiklu u b'għożża kbira, insellmilkom u nawguralkom il-festa t-tajba!

Tislijiet sinċieri,
Viva San Nikola!

Referenzi:
www.siggiewi.com
Stejjer tal-Parroċċi Maltin – Università ta' Malta

*Żuru s-sit elettroniku uffiċjali għall-informazzjoni interessanti*

**www.armarsiggiewi.com**

*dwar dak kollu li jsawwar il-Grupp tal-Armar 6 ta' Diċembru*

MOBILITY LTD

**65, Lapsi Road,**
**Siġġiewi, SGW 1963**

**Tel: 2146 1720**
**Mobile: 7925 1327**
**Email: info@mobility.com.mt**

Tied **INSURANCE** Intermediary for
**Melita Unipol Insurance Agency Ltd.**

Agents for

**Middlesea Insurance p.l.c.**

All authorised and regulated by the Malta Financial Services Authority COM2303052
and

**SELF DRIVE CAR RENTALS**